



Svezja

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE - Svezja

Liema awtorità ser tgħinni biex nibgħat talba f'pajjiż ieħor tal-UE?

L-Awtorità Żvediża għal Kumpens u Appoġġ għall-Vittmi ta' Reati

Storgatan 49
Umeå, I-lżvezja

Tel: +(46)90708200

Fax: +(46)90178353

Posta elettronika: ✉ registrator@brottsoffermyndigheten.se

Sit web: 🌐 <http://www.brottsoffermyndigheten.se/>

Indirizz postali:

P.O. Box 470

SE-901 09

Umeå, I-lżvezja

X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?

Bħala l-awtorità ta' assistenza, l-Awtorità Żvediża għal Kumpens u Appoġġ għall-Vittmi ta' Reati tista' tgħin biex tiżgura li talba li ssir lill-awtorità ta' deċiżjoni f'pajjiż ieħor tal-UE ssir b'mod korrett u li t-talba tintbagħat lill-awtorità li tiddeċiedi. L-Awtorità Żvediża għal Kumpens u Appoġġ għall-Vittmi ta' Reati twassal ukoll informazzjoni u messaġġi bejn ir-rikorrent u l-awtorità li tiddeċiedi, pereżempju meta tkun meħtieġa informazzjoni jew evidenza supplimentari mir-rikorrent sabiex tittieħed deċiżjoni.

Din l-awtorità ser tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn, jekk it-talba tkun teħtieġ dan? Jekk iva, min iħallas għaliha?

Iva; it-traduzzjonijiet isiru meta jkun meħtieġ. L-Awtorità Żvediża għal Kumpens u Appoġġ għall-Vittmi ta' Reati ser tħallas l-ispejjeż tat-traduzzjoni.

Hemm imposti amministrattivi jew imposti oħrajn li għandhom jitħallsu meta t-talba tintbagħat barra mill-pajjiż?

Le.

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 17/01/2019